**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Nru: 1557/2015 AF**

**Indri Abela**

**vs**

**Pawlu Piscopo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Indri Abela li permezz tieghu talab lil din il-Qorti izzomm lil Pawlu Piscopo milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari il-fond 29, Beata Mater, Triq il-Luzzu, Marsaxlokk.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba.

Rat id-dokumenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 874 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*
>
> *(2) Meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ, it-trasferiment jew it-tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli, ir-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinħareġ kontriha u li huma meħtieġa mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Reġistru Pubbliku. Fejn il-mandat jirreferi għall-immobbli speċifiċi, dawn għandhom jiġu deskritti fir-rikors, bil-mod provdut fl-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, dwar noti tal-iskrizzjoni, jiġifieri li din għandha sseħħ b'referenza għad-data ġeografika inkwistjoni."*

Ikkunsidrat illi fir-rikors tieghu Indri Abela jitlob lil din il-Qorti tinibixxi l-bejgh ta' xi proprjetà u b'mod partikolari fond f'Marsaxlokk. Ta dan il-fond ma gewx imnizzla dettalji li tehtieg il-ligi permezz tal-Att dwar ir-Registru Pubbliku kif reza applikabbli mill-Art. 874. Ghalhekk ma jistax jintlaqa' ghal dak li jolqot dak il-fond partikolari.

Madankollu, r-rikorrenti jinkludi wkoll fit-talba tieghu "xi proprjetà" u ghalhekk il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex ghandha tichad it-talba. In fatti kif redatt il-fuq citat subartikolu (2)

jwassal lil wiehed jifhem li sa fejn il-mandat jolqot proprjetà b'mod generali il-konnotati tal-persuna huma bizzejjed ghar-registrazzjoni.

L-intimat isostni li kull negozju li ghamel mar-rikorrenti sar ghan-nom tas-socjetà. Ma gab ebda prova ta' dan. Anzi dokument ipprezentat mir-rikorrenti jsemmi lill-intimat personalment. Issa, kif ben risaput, kulhadd huwa prezunt li jikkuntratta f'ismi sakemm ma jirrizultax b'mod inekwivoku l-involviment tas-socjetà.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka d-digriet taghha tat-2 ta' Ottubru 2015 u tilqa' t-talba ta' Indri Abela sa fejn din tolqot il-proprjetà tieghu b'mod generali. Ghal fini ta' registrazzjoni tahtar lin-Nutar Sean Critien. Spejjez ikunu a karigu tar-rikorrenti.

IMHALLEF